MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2014

Rikors Numru. 545/2014

**C & F BUILDING CONTRACTORS LIMITED (C – 15308)**

vs

Emanuel **FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Emanuel Farruġia fit-23 ta’ Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (i) tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrih fil-5 ta’ Ġunju, 2014, fuq imsemmi, mill-intimata eżekutanti C & F Building Contractors Limited għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (ii) tikkundanna lill-imsemmija intimata eżekutanti tħallsu penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Lulju, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutat;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija intimata eżekutanti fid-9 ta’ Lulju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa’ t-talba għat-tħassir tal-Mandat u lanqas dik tal-impożizzjoni tal-penali. Hija tisħaq li l-Mandat ħarġitu b’ħarsien tal-pretensjonijiet li hija għandha kontra l-eżekutat, liema pretensjonijiet hija ressqithom f’kawża li għad trid tibda tinstema’[1] u li ’l quddiem sejjer jintalab li tinstema’ flimkien mal-kawża miftuħa kontriha mill-istess eżekutat[2]. Tiċħad li l-Mandat talbitu b’xi mod b’sens ta’ vendikazzjoni kontra l-eżekutat għall-Mandat li hu kien ħareġ kontriha xi jiem qabel;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

[1] Rik. Nru. 560/14JZM (imqiegħda għas-smigħ għat-13.10.2014)
[2] Rik. Nru. 479/14JRM (imqiegħda għas-smigħ għat-2.10.2014)

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) u (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju u għall-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas ta' penali;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fil-15 ta' Awwissu tal-2011, ir-rikorrent (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") u l-kumpannija intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa "C&F" jew "l-eżekutanti") laħqu ftehim li bih C&F ingħatat il-jedd li tordom materjal f'barriera fiż-Żurrieq li l-eżekutat hu sid tagħha[3]. Biex tinqeda bl-imsemmi jedd, l-eżekutanti kellha tħallas lill-eżekutat is-somma miftehma ta' sitt mija u tmienja u disgħin elf tmien mija u tnax-il euro (€ 698,812) li kellha titħallas b'rati ta' sebgħin elf euro (€ 70,000) kull xahar;

Illi jidher li wara xi żmien inqalgħu intoppi bejn il-partijiet, bl-eżekutat jixli lill-eżekutanti li qiegħda titfa' fil-barriera materjal li kien miftiehem li ma kellux jintefa' fiha, filwaqt li l-eżekutanti xliet lill-eżekutat li kien qed iżommha milli teżerċita l-jeddijiet tagħha u li kiser il-ftehim milħuq;

Illi fil-5 ta' Ġunju, 2014[4], C&F talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutat b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha kontrih dwar danni mġarrbin minnha minħabba ksur tal-ftehim min-naħa tal-istess eżekutat. It-talba fil-Mandat kienet għas-somma ta' mitejn elf euro (€ 200,000). Il-Mandat inħareġ lil tmien (8) sekwestratarji, lkoll banek kummerċjali minbarra wieħed. Tnejn mill-imsemmija sekwestratarji wieġbu li ma kellhomx f'idejhom flus jew ġid tal-eżekutat, iżda Trasport Malta (waħda mis-sekwestratarji) għarrfet li ħadet il-passi meħtieġa fir-rigward ta' trasferiment ta' vetturi reġistrati f'isem l-istess eżekutat;

[3] Ara dok f'paġ.18 tal-atti
[4] Paġ. 4 – 7 tal-atti tar-Rikors Nuru. 545/14JRM

Illi fil-25 ta' Ġunju, 2014, C&F segwiet il-ħruġ tal-imsemmi Mandat billi fetħet kawża għad-danni kontra l-eżekutat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet, liema kawża għadha trid tibda tinstama'. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex xieraq li tifli f'din il-proċedura l-mertu tal-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutat jibni t-talbiet tiegħu fuq żewġ (2) kawżali:

A) L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Dan huwa l-argument ewlieni li l-eżekutat jistrieħ fuqu biex jitlob it-tħassir tal-Mandat. L-eżekutat jilminta l-aktar minħabba l-fatt li, sa ma nħareġ il-Mandat, C&F lanqas biss qatt kienet semmiet bl-anqas mod li kienet ġarrbet xi danni, aħseb u ara kemm kienet talbithom. Jisħaq li l-mod kif inħareġ il-Mandat minn C&F jixhed bid-dieher li dan sar għaliex hu kien ħa l-passi ġudizzjarji biex iħares il-jeddijiet tiegħu u bi tpattija għal hekk. Huwa jgħid li l-ammont imsemmi minn C&F fil-Mandat tagħha huwa "immaġinarju u malizzjuż";

Illi, min-naħa l-oħra, l-eżekutanti tisħaq li l-ammont ta' danni li hija ġarrbet minħabba l-aġir tal-eżekutat jista' jkun sostanzjat jew miċħud

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

biss meta l-Qorti li sejra tisma' l-kawża tagħti d-deċiżjoni tagħha: tgħid li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat u tħassar il-Mandat, tkun qiegħda tiddeċiedi l-mertu tal-kwestjoni u tkun qiegħda tmur lil hinn minn stħarriġ *prima facie* kif titlob proċedura bħal din;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimati eżekutanti għandhom bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslux biex "jillikwidaw" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Wieħed ma għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[6];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[7];

Illi bla ma l-Qorti tidħol biex tikkummenta fuq materja li tolqot il-mertu tal-każ, jidher ċar li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija dwar danni li hija tgħid li ġarrbet meta l-eżekutat – sid ta' barriera – żammha milli tkompli titfa' aktar materjal fil-barriera u kellha tfittex banda oħra biex teħles mill-materjal li kellha għar-rimi. Fl-atti ta' dan ir-rikors ma tressqet l-ebda prova ta' kemm jistgħu jkunu d-danni mġarrba mill-eżekutanti u lanqas xi

---

[6] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[7] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

sura ta' prospett biex juri l-ammont kif jitla' għal dak pretiż. Li jirriżulta biss hu li hija tgħid li, għall-fini tal-Mandat, hija ġarrbet mitejn elf euro danni;

Illi tajjeb jingħad li l-liġi ma titlob imkien li, biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, ir-rikorrent ifisser kif ikun mibni l-ammont minnu kawtelat bil-ħruġ tal-Mandat: kulma titlob hu li r-rikorrent isemmi "l-ammont li għalih tammonta t-talba"[8], flimkien mal-"oriġini u x-xorta tad-debitu"[9] u li dan kollu jkun maħluf;

Illi l-Qorti tagħraf li l-ammont pretiż minn C&F fil-Mandat mertu ta' din il-proċedura jisboq dak pretiż mill-eżekutat fil-Mandat maħruġ minnu kważi bid-doppju. Il-Qorti tasal biex taqbel mal-eżekutat li l-ammont pretiż huwa x'aktarx ogħla minn dak li l-atti juru sa dan il-waqt li jmisshom ikunu. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-ammont ta' dannu pretiż jitla' għal madwar terz tal-prezz li C&F kellha tħallas lill-eżekutat b'kollox għall-irdim tal-barriera tiegħu skond il-ftehim li sar bejniethom erba' snin ilu, u wkoll bla ħsara għal dak li jista' joħroġ 'il quddiem meta jsir il-ġbir tal-provi u jsiru l-kostatazzjonijiet peritali. Dan ifisser ukoll li, fil-waqt li dan mhuwiex raġuni biex jitħassar il-Mandat, il-Qorti sejra tqis li l-ammont tal-Mandat jitniżżel għal somma li ma ġġarrabx jew iġġib fix-xejn il-pretensjonijiet tal-eżekutanti u lanqas iżżommha milli tissokta tressaq atti kawtelatorji oħrajn jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jsostnuhom;

Illi l-liġi[10] tippermetti li, bħala rimedju fi proċedura bħal din, il-Qorti tnaqqas f'parti minnu l-Mandat jekk ma ssibx li hemm raġunijiet biex tħassru għal kollox. Hekk jidhrilha xieraq li tagħmel f'dan il-każ;

Illi, għalhekk, il-Qorti tqis li filwaqt li m'għandux jitħassar il-Mandat taħt din il-kawżali, l-ewwel talba tal-eżekutat sejra tintlaqa' u tnaqqas is-

[8] Art. 831(1)(b) tal-Kap 12
[9] Art. 831(1)(a) tal-Kap 12
[10] Art. 836(1) tal-Kap 12

somma pretiża mill-eżekutanti fil-Mandat maħruġ minnha għal mitt elf euro (€ 100,000);

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' limitatament l-ewwel talba tal-eżekutat iżda tħalli bla mittiefes il-Mandat fil-bqija;

B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena fuq il-fatt li l-eżekutat iqis li l-eżekutanti ma kellhiex lanqas mad-daqqa t'għajn xi jedd li titlob il-ħruġ tal-Mandat. Huwa jibqa' jisħaq li l-pretensjonijiet ta' C&F huma invenzjoni tagħha maħluqa miċ-ċirkostanzi tal-fatt li huwa mexxa kontra tagħha b'Mandat u b'kawża;

Illi dan l-argument jintrabat ma' dak li ssemma aktar qabel dwar l-ewwel kawżali ta' qabel din;

Illi minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex raġun fil-pretensjonijiet dedotti minnha fil-kawża fil-mertu, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[11]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[12]. Din it-

[11] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***
[12] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa mgħadux il-każ;

Illi l-eżekutat naqas għal kollox milli juri li r-raġuni li hu jġib 'il quddiem taħt din il-kawżali kienet raġuni li tnisslet wara li nħareġ il-Mandat kontrih. Għall-kuntrarju, huwa tenna biss dak li qal fir-rigward tal-ewwel kawżali u rabatha magħha. Ukoll jekk wieħed iqis il-kawżali tal-ammont eċċessiv, din il-Qorti tgħid li filwaqt li hija tqis li l-ammont pretiż mill-eżekutanti C&F kien wieħed ogħla minn dak raġonevoli u ħadet provvediment fir-rigward, xorta waħda ma jġibx il-ħolqien ta' raġuni għat-tħassir tal-Mandat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent eżekutata seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas taħt din il-kawżali;

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll ir-rimedju alternativ tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali. Dawn talabhom taħt il-kawżali li l-Mandat inħareġ b'ħażen, għall-ebda raġuni tajba u bil-ħsieb biss biex iddejqu[13];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u,

[13] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[14];

Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[15]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi kif ingħad f'dan il-każ, ir-rikorrent eżekutat isejjes it-talba tagħha fuq ċirkostanza waħda mill-erbgħa msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, ir-rikorrent jibni t-talba tiegħu fuq l-allegazzjoni tal-frugħa u l-vessatorjeta' min-naħa tal-eżekutanti fil-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti diġa' waslet għall-fehma li l-intimata eżekutanti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed fil-liġi biex titlob il-ħruġ ta' Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li ddejjaq lir-rikorrenti eżekutata. Jista' jkun li kien hemm xi animu ta' "ritorsjoni" min-naħa ta' C&F għall-fatt li l-eżekutat talab, min-naħa tiegħu, l-ħruġ ta' Mandat kontriha: iżda dan ma jfissirx awtomatikament il-"malizzja" li ssemmi l-liġi. Huwa fatt li ż-żewġ partijiet mexxew kontra xulxin b'kawża kull wieħed imnissla mill-istess kwestjoni. Għalhekk, ladarba l-Qorti ma sabitx li l-eżekutat kien mexxa bl-addoċċ jew mingħajr ġustifikazzjoni[16] kontra C&F, hekk ukoll, fl-istat li jirriżultaw sa issa lil din il-Qorti, ma jistax jingħad li C&F mexxiet kontrih bi ksur tal-liġi;

[14] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[15] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[16] Ara d-degriet tal-14.8.2014 fl-Atti tar-Rikors Nru. 491/14JRM

Illi, naturalment, dan ma jfissirx li l-Qorti waslet għall-fehma li l-istess pretensjoni tal-intimata eżekutanti hija tabilħaqq ippruvata jew li l-każ huwa magħluq. Ifisser biss li ma ntweriex li l-pretensjoni tagħha hija waħda fiergħa u lanqas saret b'malizzja;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutat Emanuel Farruġia billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba** tiegħu billi, bla ma tħassar il-Mandat maħruġ kontra tiegħu, tnaqqas il-valur tal-istess Mandat għas-somma ta' mitt elf euro (€ 100,000), u mill-bqija tħalli l-istess Mandat fis-seħħ;

**Tiċħad it-tieni talba** billi ma ntwera li hemm l-ebda raġuni għaliex għanda ssib li l-Mandat maħruġ kontrih mill-kumpannija intimata eżekutanti kien wieħed li nħareġ ħażin jew kontra l-liġi u billi lanqas intwera li jeżistu l-estremi għall-kundanna tagħha għall-ħlas tal-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------